MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2006

Rikors Numru. 984/2004

**Daniel Borg.**

**-vs-**

**Alfred Borg sew proprju kif ukoll bhala direttur u azzjonista ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Edgar Borg and Sons Limited.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ipprezentat fl-20 ta' Dicembru, 2004 li permezz tieghu l-attur espona:

Illi l-attur huwa azzjonista u direttur tal-kumpanija ta' responsabilita limitata Edgar Borg & Sons Limited;

Illi skond l-att kostituttiv tal-kumpanija (kopja annessa u mmarkata Dok. A) l-attur flimkien ma' huh l-konvenut Alfred Borg huma l-unici azzjonisti u diretturi tal-imsemmija kumpanija;

Illi r-relazzjonijiet bejn l-attur u huh iddegeneraw sal-estrem fejn giet nieqsa l-fiducja bejn iz-zewg partijiet li hija necessarja biex tkun tista' titmexxa s-socjeta' konvenuta;

Illi tali telf ta' fiducja bejn il-partijiet wasslet f'"deadlock situation" fejn l-ebda decizjoni ma tista' tittiehed b'rizultat li s-socjeta konvenuta ma tistax tilhaq l-ghanijiet li ghalihom twaqqfet liema stat qieghed ikun ta' pregudizzju ghall-posizzjoni finanzjarja u ekonomika tal-attur qua azzjonista u direttur;

Illi l-kawza fost ohrajn tas-sitwazzjoni presenti huwa li l-mod ta' kif tmexxew, qed jitmexxew jew x'aktarx jitmexxew l-affarijiet tas-socjeta huwa oppressiv b'mod mhux gust diskriminatorju kontra jew b'mod mhux gust ta' pregudizzju ghall-interessi ta' l-attur – dan kollu juri li jesistu ragunijiet gravi u sufficjenti li ghandhom iwasslu ghax-xoljiment tal-istess kumpanija;

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex;

1. Tahtar amministratur provvisorju sabiex provissorjament u pendente lite jamministra l-assi u n-negozju tas-socjeta konvenuta taht dawk id-direttivi u ordnijiet li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni fil-kaz u dan a tenur ta' l-Art. 228 tal-Kap386 tal-ligijiet ta' Malta – l-Att dwar il-Kumpaniji;

2. Tiddikjara u tiddeciedi li s-sitwazzjoni li giet ikkawzata mit-telf tal-fiducja bejn iz-zewg awha qieghda tirrizulta fost ohrajn f'impossibilita li jittiehdu dawk id-

decizjonijiet sabiex tkun tista tkompli topera l-kumpanija konvenuta u f'immanigjar hazin tal-kumpanija a detriment tal-azzjonisti u konsegwentement tordna x-xoljiment u l-istralc konsegwenzjali tal-istess kumpanija a tenur tal-artikli fost ohrajn 214(2)(b)(iii) u 402(3)(g) tal-Att Dwar il-Kumpaniji;

3. F'kaz ta' esitu favorevolti tat-tieni talba taghti kull provvediment u ordni sabiex jinhatar l-istralcarju u jigi kondott l-istralc konsegwenzjali skond id-disposizzjonijiet tal-Att Dwar il-Kumpaniji.

Rat ir-risposta tal-konvenut ipprezentata fl-4 ta' Marzu, 2005 li permezz taghha qal;

1. Illi preliminarjament sa fejn l-azzjoni hija diretta kontra l-esponent personalment din hija ghal kollox insostenibbli peress li hu mhux il-legittimu kontradittur, u ghaldaqstant ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

2. Ili kif jissottometti l-istess rikorrenti fir-rikors odjern, kien hemm nuqqas ta' koperazzjoni, pero fil-verita' din kienet gejja min-naha tar-rikorrent. Fis-sustanza s-socjeta in kwistjoni prosperat u fil-fatt ghad ghandha kull potenzjal li tipprospera pero, minn meta r-rikorrent kien riesaq ghall-eta pensjonabbli u tifel minn tieghu li kien ex-impjegat mieghu stabilixxa ruhu fl-istess linja ta' kummerc, ir-rikorrent beda jaghmel minn kollox biex is-sens ta' fiducja reciproka li kien hemm bejniethom tigi frantumata. Huwa minnu li bl-agir tieghu, gieli anke vjolenti, ir-rikorrent kien u ghadu qieghed jaghmilha difficli biex is-socjeta' tigi amministrata b'dik is-serenita li jixraqilha biex b'hekk dan beda jirrifletti fuq il-produttivita tas-socjeta. Ghalkemm l-esponent jammetti li jekk isaltan is-sens komun il-kontendenti jistghu jibqghu

ghaddejjin fi triq ta' prosperita u f'dan is-sens ma jaqbilx li s-socjeta' ghandha tigi stralcjata.

3. Illi l-intimat ilu s-snin qua ko-socju, jahdem manwalment u anke amministra skond il-ligi u cioe mhux wahdu izda flimkien b'mod konguntiv mar-rikorrent. Illi inoltre l-intimat bi ftehim mal-attur kellu u ghandu l-kompitu illi jzomm il-kotba tal-kumpanija u jaghmel l-ordinijiet tax-xoghol filwaqt illi r-rikorrent kellu u ghandu l-kompitu illi jzomm il-kotba tal-kumpanija u jaghmel l-ordnijiet tax-xoghol filwaqt illi l-attur kellu u ghandu l-kompitu illi jaghmel xoghol ta' naturali manwali. Dan ser jigi ippruvat u jista' jigi konfermat minn diversi accountants u awdituri tas-socjeta'.

4. Illi l-intimat dejjem agixxa u adempixxa id-doveri tieghu fl-interess tas-socjeta'.

Rat l-atti processwali.

Rat il-verbal tas-seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2004 li permezz taghha l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti.

Ikkunsidrat;

Illi f'din l-eccezjoni ma tippresentax xi diffikoltajiet kbar ghaliex kif irritieniet il-Qorti t'Ghawdex u sussegwentement il-Qorti tal-Appell fil-kawza Joseph Portelli vs Roger Portelli et nomine (27 ta' April, 1988);

*Il-ligi ma taghmel ebda restrizzjoni dwar kontra min azzjoni bhal dik prezenti tista' tigi esercitata. Ma hemm l-ebda disposizzjoni ta' ligi li espressament tistabilixxi li azzjoni ta' xjoljiment ta' socjeta' ghanda tigi esercitata biss kontra d-diretturi in rapresentanza tas-socjeta' li taghha tkun qed*

*tintalab ix-xoljiment. Ma hemm xejn fil-ligi li tghid li l-azzjoni ghal xoljiment ta' socjeta ma tistax tigi esercitata kontra s-soci minnbarra kontra d-diretturi in rapresentanza*

*tas-socjeta'. Japplika ghalhekk il-principju generali li kull persuna ghandha interess tavvanza talba simili. Azzjonista jista' jkollu nteress u dan l-interess ma jigix nieqes ghaliex l-azzjonista huwa fl-istess hin wiehed mid-diretturi tas-socjeta'.*

F'dik il-kawza l-konvenuti kienu gew imharrkin f'isimhom u bhala diretturi u in rappresentanza tas-socjeta' in kwistjoni – ezatt kif sar f'din il-kawza. Huwa minnu li l-kawza msemmija saret skond l-Ordinanza tal-1962 li kienet tirregola s-socjetajiet kummercjali u din giet illum rimpjazzata bl-Att XXV tal-1995 izda din il-ligi ma biddlet xejn sostanzjali dwar din il-materja.

**Ghaldaqstant il-Qorti tichad l-ewwel eccezjoni tal-konvenut bl-ispejjes kontra tieghu.**

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------